GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI,
L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ,
IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

# ĊIRKOLARI

Referenza: NLA 1/2026

Mingħand: Is-Sur David Muscat – Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Lis-: Segretarju Permanenti
Diretturi Ġenerali
Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Diretturi
Kapijiet tal-Kulleġġi / Uffiċjali Edukattivi
Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Medji tas-Setturi kollha

Suġġett: Xalata ta' Kitba bl-Ingliż fi Ġnien is-Serenità, Santa Luċija

Data: 9 ta' Jannar 2026

---

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu torganizza għadd ta' Xalati ta' Kitba, bil-Malti u bl-Ingliż, għat-tfal mit-tielet sat-tmien sena tal-primarja u skejjel medji, akkompanjati minn ġenitur/kustodju wieħed.

F'dawn ix-Xalati ta' Kitba, il-familji jħaddmu l-proċess tal-kitba b'mod divertenti u f'ambjent rilassanti. F'kull esperjenza ta' kitba t-tfal u l-ġenituri/kustodji tagħhom:

- jiktbu flimkien f'atmosfera pjaċevoli u trankwilla;
- ikollhom esperjenza pożittiva tal-kitba;
- jorbtu l-kitba mal-ħajja ta' kuljum; u
- jipprattikaw strateġiji prattiċi tal-kitba.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, bi sħab ma' Merlin Publishers, se torganizza Xalata ta' Kitba fi Ġnien is-Serenità, Santa Luċija. Din l-attività se tkun **bl-Ingliż.** Ix-xalata se ssir kif ġej:

Is-Sibt, 24 ta' Jannar 2026 mill-10.00am – 12.00pm mit-3 sal-5 sena tal-primarja (reġistrazzjoni fl-9.45am)

Is-Sibt, 24 ta' Jannar 2026 mill-10.00am – 12.00pm mis-6 sat-8 sena tal-primarja u skejjel medji (reġistrazzjoni fl-9.45am)

*Parteċipanti: tfal mit-3 sena sat-8 sena akkompanjati minn ġenitur/kustodju wieħed.*

Infakkrukom li dawn ix-Xalati ta' kitba huma akkreditati fuq medda ta' sentejn.

Post ta' fejn se niltaqgħu: Ġnien is-Serenità, Santa Luċija

https://maps.app.goo.gl/UhJ93rgVXa1tyV469

Kull min hu interessat jista' jirriserva post billi jimla din l-applikazzjoni online:
https://forms.office.com/e/98RmwxXrBw

jew jibgħat ittra elettronika lil mwp.nla@ilearn.edu.mt; jew iċempel 25983326.

Il-ġenituri/kustodji li japplikaw iridu jagħtu kontribuzzjoni ta' €5, għal kull familja, li ma tingħatax lura, sal-Erbgħa, 21 ta' Jannar 2026 f'nofsinhar, lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu b'wieħed minn dawn il-modi:

- billi jiġu l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun, mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-7:30am sal-4:30pm;
- bi trasferiment bankarju indirizzat lil 'National Literacy Agency' fil-kont tal-bank bl-IBAN: MT54VALL22013000000040023748325.

**Ħlas b'ċekk mhux aċċettat.**

Il-ħlas ta' €5 huwa applikabbli għal kull Xalata ta' Kitba li ssir f'post differenti, kull xahar. Jekk ikun hemm wisq applikanti, jintgħażlu dawk il-familji li jkunu taw il-kontribuzzjoni l-ewwel.

Jekk tixtieq iktar tagħrif dwar din ix-Xalata ta' Kitba, tista' ċċempel 2598 3326 jew tibgħat ittra lil mwp.nla@ilearn.edu.mt

Grazzi tal-attenzjoni,

David Muscat

Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu